IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.11.2017
COM(2017) 692 final

2017/0310 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1370/2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli, rigward il-limitazzjoni kwantitattiva applikabbli għax-xiri sfurzat ta' trab tal-ħalib xkumat

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Madwar 400 000 tunnellata ta' trab tal-ħalib xkumat (SMP) attwalment qed jinżammu fi stokkijiet pubbliċi. Dan il-volum huwa ekwivalenti għal terz tal-kummerċ dinji totali ta' SMP fl-ewwel nofs tal-2017. Is-sempliċi eżistenza ta' dawn l-istokkijiet qed tkun ta' piż fuq is-suq.

Kif irrapportat mill-Bord Ekonomiku tal-Osservatorju tas-Suq tal-Ħalib, id-differenza bejn il-prezzijiet tax-xaħam u tal-proteini hija akbar minn qatt qabel. Il-proporzjon bejn il-prezz tal-butir u l-prezz tal-SMP varja għal għaxar snin madwar medja ta' 1,4 (minimu ta' 0,8 u massimu ta' 1,7) u minn Mejju 2016 żdied biex laħaq il-livelli attwali qrib għal 4/1. Quddiem din id-differenza bla preċedent bejn il-prezzijiet tal-butir u tal-SMP, l-offerti għall-intervent pubbliku għandhom it-tendenza li jseħħu f'sitwazzjoni fejn ma jkun hemm ebda ġustifikazzjoni tas-suq għall-mobilizzazzjoni ta' strumenti li jservu bħala xibka ta' sikurezza.

Kif previst fir-Regolament dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq, l-intervent pubbliku bi prezz fiss se jerġa' jibda minn Marzu 2018 sa Settembru 2018 fi ħdan limitu kwantitattiv ta' 109 000 tunnellata metrika kull sena.

L-esperti tas-suq jivvalutaw id-domanda għolja għax-xaħam tal-butir bħala fenomenu strutturali u l-SMP se jibqa' de facto prodott sekondarju b'livelli aktar baxxi ta' valorizzazzjoni sakemm ma jkunx hemm swieq ġodda. F'xenarju bħal dan, ir-riskju li minn Marzu li ġej l-SMP ikollu jinxtara permezz tal-intervent pubbliku huwa reali. Jekk dan iseħħ, filwaqt li l-prezzijiet tal-ħalib mal-ħruġ mill-azjenda agrikola ikunu f'livelli sodisfaċenti, l-intervent pubbliku b'mod ċar ikun qed jitbiegħed mill-għan tiegħu li jiżgura livell ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola.

Għalhekk, hija meħtieġa soluzzjoni biex fl-2018 jiġi evitat ix-xiri sfurzat ta' SMP bi prezz fiss mingħajr il-ġustifikazzjoni tas-suq għal dan. Għal dan l-għan, il-limitu li bih għandu jsir intervent pubbliku bi prezz fiss fl-2018 jenħtieġ li jiġi stabbilit għal żero. Dan iwassal għall-ftuħ ta' proċedura tal-offerti mill-1 ta' Marzu 2018, meta jibda l-perjodu tal-intervent pubbliku, fejn il-Kummissjoni, b'votazzjoni fi ħdan il-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli, tiddeċiedi fuq bażi ta' każ b'każ liema volumi jenħtieġ li jinxtraw b'xiri sfurzat u b'liema prezz għax-xiri sfurzat.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura prevista f'dan ir-Regolament ikollha impatt immedjat fuq is-suq u sabiex l-operaturi tas-suq ikunu jistgħu jiġu infurmati fi żmien xieraq qabel il-bidu tal-kampanja ta' intervent li jmiss, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika

Din il-proposta hija konsistenti mal-ispirtu tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli, bl-għan li jiġu stabbilizzati s-swieq u jiġi żgurat livell ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola.

Il-proposta hija konsistenti mal-Artikolu 43(3) tat-TFUE li b'konformità miegħu l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri dwar l-iffissar tal-prezzijiet, l-imposti, l-għajnuna u l-limitazzjonijiet kwantitattivi, kif ukoll dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Mhux applikabbli

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta taqa' taħt kompetenza kondiviża bejn l-UE u l-Istati Membri u hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

- **Għażla tal-istrument**

Mhux applikabbli

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **L-evalwazzjonijiet *ex post*/il-kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli

- **Ġbir u użu tal-kompetenzi**

Mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli

- **Idoneità u simplifikazzjoni regolatorja**

Mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-impatt finanzjarju jiddependi mill-kwantitajiet/il-prezzijiet tat-trab tal-ħalib xkumat (SMP) offruti u mill-kwantitajiet/il-prezzijiet aċċettati, bejn Marzu u Settembru 2018, li jiddependu mill-evoluzzjoni tas-suq tal-SMP.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Mhux applikabbli

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Mhux applikabbli

2017/0310 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1370/2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli, rigward il-limitazzjoni kwantitattiva applikabbli għax-xiri sfurzat ta' trab tal-ħalib xkumat

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Sa tmiem Lulju 2017 ġie rrappurtat li l-istokkijiet ta' intervent pubbliku tat-trab tal-ħalib xkumat fl-Unjoni kienu ta' 357 359 tunnellata. Barra minn hekk, ġew offruti 22 710 tunnellata għax-xiri sfurzat bi prezz fiss sakemm jagħlaq il-perjodu ta' intervent fit-30 ta' Settembru 2017.

(2) Is-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib qed jesperjenza differenza bla preċedent bejn il-prezzijiet tax-xaħam u l-prezzijiet tal-proteini minħabba domanda partikolarment għolja għall-butir.

(3) Fl-2018, il-konsenji tal-ħalib fl-Unjoni mistennija li jiżdiedu u jwasslu għal żieda fil-produzzjoni tal-butir u tat-trab tal-ħalib xkumat.

(4) X'aktarx li fl-2018, minkejja l-prezzijiet relattivament baxxi tal-proteini tal-ħalib, il-prezzijiet tal-ħalib mhux ipproċessat imħallsa lill-bdiewa se jibqgħu f'livell li jwassal biex il-produzzjoni tal-ħalib issir remunerattiva minħabba d-domanda attwalment qawwija għall-butir u l-ġobon.

(5) Dawn l-elementi tas-suq qed joħolqu sitwazzjoni eċċezzjonali għas-sena 2018 li jeħtieġ li titqies b'mod speċifiku fir-rigward tal-operat tal-mekkaniżmu tal-intervent pubbliku għall-prodotti tal-ħalib.

(6) L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013[1] jistabbilixxi limitazzjonijiet kwantitattivi għax-xiri sfurzat tat-trab tal-ħalib xkumat bil-prezz fiss imsemmi fl-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament. Ladarba dawk il-limiti jintlaħqu, ix-xiri sfurzat għandu jitwettaq permezz ta' proċedura tal-offerti biex jiġi determinat il-prezz massimu tax-xiri sfurzat.

(7) Sabiex jiġi evitat li t-trab tal-ħalib xkumat jinxtara bi prezz fiss f'sitwazzjoni li tmur kontra l-għanijiet tax-xibka ta' sikurezza, jenħtieġ li kull intervent pubbliku għat-trab tal-ħalib xkumat jiġi operat bi proċedura tal-offerti. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 12).

limitu kwantitattiv għax-xiri sfurzat ta' trab tal-ħalib xkumat bi prezz fiss jiġi stabbilit għal żero għas-sena 2018.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1370/2013 jiġi emendat skont dan.

(9) Sabiex ikun żgurat li l-miżuri temporanji previsti f'dan ir-Regolament ikollhom impatt immedjat fuq is-suq u sabiex l-operaturi tas-suq ikunu jistgħu jiġu infurmati fi żmien xieraq qabel il-bidu tal-kampanja ta' intervent li jmiss, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1370/2013, jiżdied it-tielet subparagrafu li ġej:

"Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu, fis-sena 2018, il-limitu kwantitattiv għax-xiri sfurzat ta' trab tal-ħalib xkumat bi prezz fiss għandu jkun ta' 0 tunnellati.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA	FS/17/MvD/aj Ares (2017) 5672905 6.142.2017.1 agri.ddg3.g.3(2017)5670846 DATA: 13.10.2017

1.	INTESTATURA TAL-BAĠIT: Ara hawn taħt għall-previżjoni baġitarja. 05 02 12 02 (Miżuri ta' ħżin għat-trab tal-ħalib xkumat)		APPROPRJAZZJONIJIET: Baġit 2017: EUR 19-il miljun; Abbozz tal-Baġit 2018: EUR 12-il miljun	
2.	TITOLU: IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1370/2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli, rigward il-limitazzjonijiet kwantitattivi applikabbli għax-xiri sfurzat tat-trab tal-ħalib xkumat			
3.	BAŻI ĠURIDIKA: L-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea			
4.	GĦANIJIET: li jkun evitat li t-trab tal-ħalib xkumat jinxtara b'xiri sfurzat bi prezz fiss meta dan ma jkunx meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet tax-xibka ta' sikurezza minħabba l-prezzijiet għoljin tal-prodotti l-oħra tal-ħalib. Jenħtieġ li l-intervent pubbliku għat-trab tal-ħalib xkumat jiġi operat bi proċedura tal-offerti.			
5.	IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI	PERJODU TA' 12-IL XAHAR (f'miljuni ta' EUR)	SENA FINANZJARJA 2018 (f'miljuni ta' EUR)	SENA FINANZJARJA 2019 (f'miljuni ta' EUR)
5.0	NEFQA - IDDEBITATA LILL-BAĠIT TAL-UE (RIFUŻJONIJIET/INTERVENTI) - AWTORITAJIET NAZZJONALI - OĦRAJN	p.m.	p.m.	p.m.
5.2	METODU TA' KALKOLU: Ara l-osservazzjonijiet			
6.0	IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT MILL-APPROPRJAZZJONIJIET IMDAĦĦLA FIL-KAPITOLU RILEVANTI TAL-BAĠIT ATTWALI?			Mhux applikabbli
6.1	IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT PERMEZZ TA' TRASFERIMENT BEJN IL-KAPITOLI TAL-BAĠIT ATTWALI?			Le
6.2	SE JKUN HEMM BŻONN TA' BAĠIT SUPPLIMENTARI?			Le
6.3	SE JKUN HEMM BŻONN LI JIDDAĦĦLU L-APPROPRJAZZJONIJIET F'BAĠITS FUTURI?			Ara l-osservazzjoni

OSSERVAZZJONIJIET:

L-impatt finanzjarju jiddependi mill-kwantitajiet/il-prezzijiet tat-trab tal-ħalib xkumat (SMP) offruti u mill-kwantitajiet/il-prezzijiet aċċettati, bejn Marzu u Settembru 2018, li jiddependu mill-evoluzzjoni tas-suq tal-SMP.